# Ir-Raba' Wiehed Fost il-Magi

Kemm il-wieħed kienu l-Mâġi? Fl-Fl-Evanġelju m'hux miktûb. Il-għidût imwaħħar, tan-nies, hu li kienu minn tnejn sa tnâx; imma l-aktar li hu msemmi li kienu tlieta, għax tlieta huma l-għotjiet li taw lil Bambîn, kif jinsâb miktûb. Mis-seklu IX 'l hawn, in-nies, lil dawn it-tlieta tawhom isem: Gaspar, Melkjor u Baldassar, li wkoll il-qabar tagħhom jinsab f'Köln, il-Ġermanja. Imma fil-Katakombi ta' Ruma, fi xbieha qadîma, jidhru erba' l-Mâġi, li għedîn jâgħtu l-għotjiet lil Bambin, bil-qegħda fuq ħoġor Ommu. Dan il-għadd ta' erbgħa jaqbel mal-leġġenda li sa nġibu hawnhekk.

Gaspar, Melkjor u Baldassar kienu jgħammru fil-belt ta' Borsippa, fil-Babilonja, waqt li r-raba' wieħed, jismu Artibân, kien joqgħod f'Ekbatana, belt qalb l-iġbla tal-Persja, bgħîda mija u ħamsîn parasanga. Il-Mâġi kienu jilbsu bħal ċoqqa tal-ħarîr u fuqha liżâr tas-sûf abjad, u f'rashom barnûż, fuq xagħarhom twîl u iswed tûta. Dan kien il-lbies tad-Dîn ta' Żoroaster. Dawn kienu jâgħtu qîma lin-Nâr, xbieha tas-safa għax huwa l-ħlîqa l-aktar safja fost kollox, u kien ifakkarhom f'Alla f'dak li Huwa "Dawl u Sewwa".

Billi kienu jagħmluha mal-Lħûd meta dawn kienu lsiera fil-Babilonja, kienu jâfu l-bxâra ta' Balgham, li kellha: "Titla' kewkba minn Jâgħkob u joħroġ xettru minn Israel" (Ktieb il-Għadd, XXIV, 17), u hekk waslu, bil-Kalendarju Kaldâni li jagħrfu s-sena sew li fiha kellu jit-wieled il-Messîħa. Għalhekk, kif kienu jgħarrxu fuq is-sema mit-Tempju tagħhom ta' Seba' Golol, lemħu kewkba ġdîda, li iddiet għal lejl wieħed biss, u mbagħad reġgħet għebet. Wara xi ġimgħa, sewwa l-Mâġi ta' Borsippa, kemm Artibân li kien f'Ekbatana, lemħu fis-sema bħal xrâra kaħla tiddi u ddûr, li minnha kienu ħerġîn irxûx ta' dawl aħmar. Ftit wara dix-xrara saret bħal golla demmija, bir-rxûx sofor ħerġin minnha, u f'nofsha tebgħa, mdawra, bajda. Billi ntebħu li dak kien għeliem is-Sultan li kellu jit-wieled, qatgħu li jmorru jżuruħ żjara.

It-tliet Mâġi ta' Borsippa kienu miftehmin li jistennew lil seħibhom ta' Ekbatana, li biex jasal sa għand-hom kien jeħtieġ għaxart ijiem mixi. Dana wara dik id-dehra, biegħ kull ma kellu, xtara żeffîr, rubîn u ġaw-hra, biex joħodhom lis-Sultân, u rikeb id-debba tiegħu, Vosda u rħiela lejn il-belt ta' Borsippa.

Feraq imsâġar; qasam widjien; tala' għoljiet u iġbla, meta f'daqqa, f'salîb it-toroq jara fl-art bniedem għâxi, mitlûq minn kull ħadd. Arti-bân qabeż minn fuq id-debba. ħamel lil imsejken fuq dahru u qegħdu bil-qajl fi djul ta' siġra. Imbagħad ħallu r-rbît ta' ħwejġu, sqieh duwa tajba u qawwija, — għax il-Mâġi kienu tobba wkoll, u b'hekk ġiegħlu jistej-qer u jieħu r-rûħ.

Meta l-marîd ġie f'tiegħu, qal lil Artibân: "Alla ta' Abraham u ta' Iżħâq u ta' Jâgħkob iħallsek bil-ġid ta' kull ma għamilt miegħi u jkun miegħek fis-safar tiegħek sa Ġerusa-lem, fejn għedtli li int sejjer. Ngħidlek imma, li kif jgħidu l-Profeti, il-Mes-

siha għandu jitwieled f'Betlehem, m'hux f'Ġerusalem.

Artibân telaq minn hemm għal ħabta ta' nofs il-lejl. Mar għan-naħa tat-Tempju tas-Seba' Golol imma lil sħâbu ma sabhomx hemm, għax biex għen lil marîd kien twaħħar. Ħallewlu tweġiba b'dawn il-kelmiet: "Stennejniek sa nofs il-lejl, imbagħad tlaqna. Ejja wrajna min-nofs ix-xôri."

Artibân ma qatax qalbu. Biegħ iż-żeffir, kera karwâna tal-iġmla, u għadda min-nofs ix-xôri. Wasal Betlehem tliett ijiem wara li sħâbu kienu waslu u qegħdu f'riġlejn il-Bambîn id-deheb, il-Lubien, u l-Mirha... u telqu minn trîq oħra.

Ir-raħal ta' Betlehem kien qisu bla nies. Ir-rġiel kienu jaħdmu fir-raba, u t-tfâl jirgħaw in-nagħaġ. Minn bieb ta' dar żgħira kienet tistama' għanja ħanina. Ħabbat u daħal. Ra mara żagħżugħa bil-qegħda, tħannen fuq irrkubtejha tifel ċkejken biex traqqdu. Kif it-tifel raqad, medditu ġewwa benniena u kellmet lil Artibân u tagħtu xi ħaġa tal-ikel u x-xorb għat-trîq. Qaltlu li ftit qabel f'dak ir-raħal kienu ġew tlieta min-nies lebsin bħalu, għand wieħed raġel xiħ jismu Jusef, li kellu mara żagħżugħa jisimha Mirjam, u tifel tat-twelid. Tawhom għotjiet sbieħ u reġgħu telqu. Il-lejl ta' wara Jusef ukoll kien telaq bil-Mara u t-Tifel, u ħadd ma jaf fejn mar, imma aktarx lejn il-Masar.

F'daqqa waħda t-taħdita tagħhom inqatgħet, għax stama' għajjât kbîr: "Isaw, isaw, aħbu 'l uliedkom, għax is-suldâti t'Erôdi għedîn joqtlu s-subjien kollha!" Il-mara ħbiet lil binha mill-aħjar li setgħet. Artibân, bil-lbies tiegħu kbîr, waqaf fil-bieb tad-dar tagħha. Is-suldati ġew, imma beżgħu minnu, u marru qalu bih lir-rajjes ta' tajfithom. Rajjes it-tajfa ġie u ried jidħol, imma Artiban urieħ il-fossa tar-rubin u għemżu. Dak ħadha, daħħalha fil-but u qal lis-suldati: "Hawn ġew ma hawnx trabi, Morru 'l hemm!"

Wara dan Artiban telaq lejn Hebron, fi triqtu lejn il-Masar, bil-ħsieb u t-tama li jilħaq lil Jusef u lil Mirjam, bit-Tifel iċ-ċkejken, is-Sultan. Wasal il-Masar u baqa' sejjer lejn Heljopli u waqaf jgħarrex taħt id-dell tal-Isfinġa, imma t-tiftix tiegħu hawn ukoll safa fix-xejn. B'qalbu maqtugħa u sogħbien raġa' lejn il-Palestina, bit-tama li jsib lis-Sultan hemmhekk. Wara ħafna ġiri u tiftix u mistoqsijiet, iltaqa' ma' Rabbi Lhudi b'wiċċ il-ħniena mhux bħall-oħrajn. Waqaf u saqsieh jekk satax jagħtih rajh fejn kellu jfittex il-Messiha. Ir-rabbi qallu: "Jekk għiejed tfittex il-Messiha, għandek issibu fost il-foqra, il-magħdurin, il-muġugħin u l-magħfusa!" Għal dal-kliem Artibân tagħa ruħu biex jitma' lil min kien bil-ġugħ, jisqi lil min kien bil-għatx ilibbes lil min kien għerwien, u jdur b'kull min kien jeħtieġ il-għajnuna, bl-imħabba tal-aħwa.

Għaddew tlieta u tletin sena minn meta Artiban kien telaq minn artu u mar il-Palestîna jfittex lil Dawl is-Sewwa. Xagħru ma' tûl dak iż-żmien, minn iswed lewn il-għawrâb, sar abjad lewn il-ħamiem. Xîħ, għajjien, magħkûs u mċerċer, imma b'dan kollu għadu jfittex lis-Sultân. Raġa' għall-aħħar darba Ġerusalem għal jiem tal-Għîd il-Kbîr. Il-belt imqaddsa kienet miżgħuda bin-nies, għadd kbîr fosthom kienu ġew għal Għîd minn artijiet imbegħda. Kien nhar il-Ġimgħa ta' qabel il-Għîd, u fost in-nies kien jidher li

hemm xi taħwida kbîra. Il-Persjân, Artibân, għamel il-qalb u saqsa lil ġemgħa ta' Lhud x'kienet il-ħtija ta' dik il-għawa kollha. Weġbuh: "Jekk trid taf, ejja magħna sa fejn jgħidulu l-Golgota, ħalli tara b'għajnejk. Hemm jinsâbu msallbîn żewġ ħallelin u wieħed raġel jismu Ġesù, min-Nazaret, jgħidulu Sultân il-Lhûd."

Artibân qal f'qalbu: "Min jaf hux dan, dak Ġesù li twieled f'Betlehem, tlieta u tletin sena ilu?... Tgħid fl-aħħar iltqajt mal-mixtieq tiegħi, Sultân il-Lhûd, maqbûd, f'idejn l-egħdewwa tiegħu? Tgħid nasal fil-waqt, biex nagħti l-ġawhra tiegħi, ħalli nifdih qabel ma jmut..."

Hekk ix-xwejjaħ baqa' miexi wara l-ġemgħa, imma kif kien tiela' t-telgħa, waħda xebba minn Ekbatana għarfitu minn ilbiesu li kien minn pajjiżha. Resqet lejh u nxteħtet għarrkobtejha quddiemu u qaltlu: "Għall-imħabba t'Alla s-Safi ikollok ħniena minni! Jien lsîra msejkna li nemmen it-twemmîn li temmen int. Eħlisni mill-jasar, u arġa' agħtini l-fidwa!"

L-imsejken ma kien baqagħlu xejn ta' siwi għajr il-ġawhra, u tahielha biex tifdi râsha biha. Malli tahielha jisma' ħoss kbîr u l-art bdiet tirtiegħed u taqbeż, u s-sema dalam f'daqqa, u l-ħitan tad-djar bdew jinfetħu u jiġġarrfu; sħab ta' trab mela l-arja, u suldati u nies jiġru u jaħarbu mwerwrîn. Artibân u x-xebba skennew taħt il-ħnejjiet tal-Pretôrju ta' Pilâtu, imma reġgħet għamlet teħżiża oħra aqwa minn ta' qabel, li weqqgħet ħaġra mill-ħajt u ġiet fuq ras Artibân, li fetħithielu u waqa' fl-art għall-mejjet. Ix-xebba medditlu râsu fûq driegħha waqt li d-demm kien ħiereġ gelgûl minn moħħu.

Ix-xebba ħasbitu mejjet u medditlu râsu fl-art, qajl-qajl. Imma wara ftît semgħetu jieħu n-nifs, u ratu jbexxaq għajnejh u jħares 'il fuq waqt li qal dawn il-kelmiet b'leħen ikemm-kemm jistama': "Jiena, Mulejja?... Fejn qatt rajtek ġugħân u tmajtek?... jew bil-għatx u sqejtek?... Meta qatt rajtek għarîb u lqajtek f'dâri?... Jew marîd jew fil-ħabs u ġejt narak?... Għal tlieta u tletîn sena domt infittxek, imma qatt ma kelli x-xorti li nitgħaxxaq bid- dehra tiegħek, anqas li naqdîk l-anqas qadja, ta' Sultân li Int, tajjeb u qaddis!

Artibân sikiet, imma leħen ieħor, ċâr u ħelu stama' jkellmu u jfarrġu: "Tassew, tassew ngħidlek, li kull meta għamilt il-ġid lill-għajrek, kont għiejed tagħmel il-ġîd lili. Ejja fil-ġenna miegħi!"

Nifs qawwi ħareġ minn sider Artibân. Kien temm il-mixja twila tiegħu, u magħha kien temm ukoll ħajtu, u ħarġet ruħu. Il-għotjiet tiegħu kienu tassew milqugħa. Artibân, ir-raba' wieħed fost il-Mâġi, kien fl-aħħar iltaqa' mas-Sultân!

P. UBERTINU BERTI, O.F.M.

---

# QWIEL TAL-PALESTINA

*In-noħle ma tsîrx daqîq, u l-għâdu ma jsîrx sadîq.* In-nuħħâla ma ssirx dqiq u l-għadu ma jsirx ħabib. Min taf li hu għadu tiegħek, ara tafdah, għal kemm ġie li juri ruħu ta' ħabib. Dak ikun jagħmel hekk ħalli jġibek għal daqqtu, u jagħmillek il-ħsâra.